SANTA LUĊIJA

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 42/2022**

**13 ta' Mejju 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St. John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**42.01** **Talba-**

42.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**42.02** **Qari ta' ittri ta' apologiji**

42.02.01 Is-S.E. informa li kien irċieva komunikazzjoni mill-Kunsillier Ellul fejn informa li ma setgħax jattendi għal laqgħa minhabba mpenji personali u talab li jiġi skużat. Il-Kunsill approva.

**42.03** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 41-22**

42.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 41-2022 ġew approvati unanimament wara li ġew emendati.Is-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**42.04** **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

42.04.01 L-iskeda ta' Pagamenti ġiet approvata unanimament.

**42.05** **Ċentru Ċiviku**

42.05.01 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi rigward il-finanzjament taċ-Ċentru Ċiviku u min naħa tiegħu l-Ministru talabha sabiex titkellem mad-Direttur Ġenerali tad-Dipt. tal-Gvern Lokali. Hija semmiet ukoll li l-periti tal-proġett infurmawna li hemm bżonn is-servizz ta' arkeoloġista u min naħa tagħhom ipprovdewlna 3 kwotazjonijiet. Ġie unanimament deċiż li tingħażel l-orħos offerta u x-xogħol mill-arkeoloġista jista jibda minn Ottubru li ġej. Is-Sindku nsistiet li huwa mportanti li l-Kunsill jagħmel *lobbying* sabiex ikun jista jiġi ffinanzjat dan il-proġett. Rigward il-pjanti, l-Kunsillier Sciberras talab li l-Kunsill jiġi mgħarraf x'hemm differenti bejn l-ewwel u t-tieni set ta' pjanti u kien hemm qbil li nitolbu lil-Periti sabiex jipprovdu din l-informazzjoni. Il-Viċi-Sindku wera l-fehma li l-Gvern Ċentrali għandu jkun involut iktar fil-finanzjament ta' dan il-proġett.

**42.06 Komunikazzjoni mis-Sindku**

42.06.01 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-Perit ta' *Infrastructure Malta* dwar il-*Promenade* u dan xejn ma kien kuntent bil-mod kif mexa l-kuntrattur u għal dan il-għan kien ipprepara *snag list*. Hija qalet li ġiet informata li l-ELC ser jieħu ħsieb ix-xogħol fil-*Promenade* u kienu ser jibdlu xi siġar li mietu ma' oħrajn aktar maturi. Għal dan il-għan kien ser isir *Maintenance Agreement* bejn IM u l-ELC. Is-Sindku ssuġġeriet li jkun hemm xi tip ta' *hedging* sabiex il-post jingħata dehra isbaħ. Rigward id-diversi tabelli li hemm fuq il-post, IM ikkonfermaw li dawn huma skont il-liġi u li ma jaqblux li minflokhom ikun hemm tabelli faċċata ta' kull triq li tagħti għall-*Promenade* kif kien ġie ssuġġerit fl-aħħar laqgħa.

42.06.02 Is-Sindku nfurmat li flimkien mal-Viċi-Sindku u s-S.E. kienet attendiet laqgħa ma' uffiċċjali mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża fejn fost l-oħrajn kien hemm qbil li jiġu pprovduti 30 bank għall-*Promenade* li minnhom ikun hemm ukoll *smart benches*.

42.06.03 Rigward l-applikazzjoni li kienet saret għal Ġnien Simbjozi, s-Sindku nfurmat li l-applikazzjoni tagħna kienet kważi approvata però konna ġejna mitluba sabiex nirrevedu xi ftit il-pjanti sabiex ikun hemm iktar *soft-area*. Hija qalet ukoll li kienet irċeviet talba sabiex fuq il-post ikun hemm CCTV u kien hemm qbil li jinġiebu l-kwotazzjonijiet.

42.06.04 Is-Sindku nfurmat li l-Ambaxxata Ċiniża f'Malta kienet ser toffri għajnuna finanzjarja sabiex ikun jista jsir xogħol ta' restawr fil-Ġnien tas-Serenita'. Hija qalet li konna ġibna stima sabiex tinbidel is-sistema tas-CCTV peress li dik preċedenti kienet ġiet vandalizzata, filwaqt li l-kuntrattur tad-dawl kellu jaħdem fuq stima sabiex isir dak kollu neċessarju sabiex fil-Ġnien ikun hemm sistema ta' dawl moderna u stabbli. Hija qalet ukoll li flimkien mas-S.E. kellha laqgħa mal-Onor. Ministru S. Zrinzo Azzopardi fejn saret talba għall-għajnuna sabiex fost l-oħrajn issir il-pompa tal-vaska l-kbira u xogħol ieħor neċessarju fuq il-post.

42.06.05 Is-Sindku spjegat li kienet saret laqgħa mal-kuntrattur tal-Ġonna u *Soft Areas* fejn tlabnieh skeda tax-xogħol li kopja tagħha ġiet ippreżentata lill-Kunsillieri. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li din l-iskeda għandha tkun parti mill-kuntratt.

42.06.06 Is-Sindku nfurmat li l-ġimgħa d-dieħla kien ser jinħareġ it-*tender* għall-ġbir tal-iskart fuq bażi reġjonali. Hija qalet li l-ħsieb huwa li dan il-kuntratt jidħol fis-seħħ lejn l-aħħar ta' din is-sena fejn huwa ttamat li jkun hemm titjib fis-servizz.

42.06.07 Is-Sindku nfurmat li kif kien hemm qbil informali bejn il-membri, kienet iltaqgħet mal-Perit tal-Kunsill sabiex dan jipprepara dak kollu neċessarju sabiex il-Kunsill ikun jista japplika taħt l-iskema SPI/SCI/1/2022 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Kien hemm qbil li l-prijorita' tagħna għandha tkun li tiżdied is-sigurta' tal-post billi jiddawwar permezz ta' *railing* kif ukoll li jinbidel il-*fence* tal-ground *5-a-side* u jekk ikun possibbli anke l-bibien tat-*toilets* li hemm fl-istess post. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jiffinanzja d-differenza bejn l-ispiża totali u l-ammont miksub mill-iskema mill-fondi tiegħu.

42.06.08 Is-Sindku nfurmat li l-LESA kienu tawna estensjoni ta' 6 xhur sabiex ikun jista jinxtara l-vann li għalih konna ksibna l-fondi mingħand il-LESA.

42.06.09 Is-Sindku nfurmat li r-Reġjun kien kiseb fondi mill-GAL Xlokk sabiex jippubblika *ebook* dwar *Cultural Heritage*. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas is-somma ta' € 276.43 bħala s-sehem tagħna f'dan il-proġett.

42.06.10 Is-Sindku nfurmat li kienet ħarġet is-sejħa għal-Librar/a għal-librerija lokali. Ġie unanimament deċiż li waqt l-intervisti, l-Kunsill ikun rappreżentat mis-Sindku, l-Kunsillier Ellul u s-S.E.

42.06.11 Is-Sindku nfurmat li rridu nagħmlu t-tieni Laqgħa tal-Lokalita' għal din is-sena u kien hemm qbil li din għandha ssir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju fil-5.00 pm ġewwa t-*Tea Room*.

42.06.12 Is-Sindku tkellmet dwar Jum Santa Luċija 2022 u ġie deċiż li tinħareġ sejħa sabiex ir-residenti

jinnominaw persuni għal-Ġieh Santa Luċija. Kien hemm qbil li fis-7 ta' Lulju ssir il-Quddiesa u jingħata Ġieh Santa Luċija filwaqt li fid-9 ta'Lulju jinżamm il-kunċert fi Pjazza 7 ta' Lulju. Il-Viċi-Sindku ser jieħu ħsieb jikkordina l-attivitajiet.

42.06.13 Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien qed iġedded is-sħubija tiegħu fl-ECAD u hija uriet ix-xewqa li tattendi għall-konferenza li ser issir fit-13/14 ta' Ġunju.

42.06.14 Is-Sindku irreferiet għal-proposta li konna rcivejna mingħand TCTC għal-korsijiet tar-Robotica. Il-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax.

42.06.15 Is-Sindku semmiet proposta oħra bl-isem *Project Fitness* fejn qed jiġi propost li dan isir ġewwa l-Ġnien tas-Serenita' u għar-residenti ikunu mingħajr ħlas. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

42.06.16 Is-Sindku ressqet talba mingħand 2 żgħażagħ li ser jiżżewwġu ġewwa l-Ġnien tas-Serenita' u qed jitolbu li jħallsu jkun nofs prezz peress li mhux ser ikollhom ħafna mistednin. Il-Kunsill aċċetta din it-talba. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir reviżjoni tal-*Bye-Laws* tal-Ġnien tas-Serenita' mill-Avukat tal-Kunsill sabiex jiġu ċċarati diversi punti li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

42.06.17 Is-Sindku qrat ittra mingħand residenta rigward l-indafa fir-raħal. Il-Kunsill rringrazzja lir-residenta tal-kummenti u nnota li l-ħaddiema tal-Kunsill qed jaghmlu l-għalmu tagħhom biex jgħinu fit-tindif fejn qed jonqos il-kuntrattur. Is-Sindku issuġġeriet li l-kuntrattur tal-knis għandu jinbidel kemm jista jkun malajr u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**42.07 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

42.07.01 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar ir-rotta tal-vetturi ġewwa l-lokalita' u s-S.E. informa li *Infrastructure Malta* kienu nfurmawh li għalihom ir-rotta għandha tibqa kif inhi. Il-Viċi-Sindku talab li ssir talba lil *Transport Malta* sabiex tinbidel ir-rotta. Is-Sindku nfurmat li konna ser niktbu lil TM sabiex l-*iSpeed Limit* fi Triq il-Prinjoli jitniżżel minn 50 ghal 35.

42.07.02 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li għandu jingħata rikonoxximent lil librara li għadha kif irriżenjat għax-xogħol li għamlet fil-komunita'.

42.07.03 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar l-aċċess għal Block B fi Triq Inez Soler u s-Sindku nfurmat li konna għadna qed nistennew lill-kuntrattur sabiex jiġi u jagħmel rampa.

42.07.04 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar il-*barriers* fi Triq De Hosa. Is-Sindku nfurmat li hemm aċċessibilita' mill-ġnub u għalhekk ma hemmx bżonn li ssir modifika fihom.

42.07.05 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar il-ħajt li hemm fi Triq Klematis. Is-Sindku nfurmat li beda jsir xogħol ta' tikħil fuqu. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob li dan il-ħajt isir tas-sejjieħ.

42.07.06 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar id-*Dog Park*. Is-Sindku nfurmat li *sanitization* ma hemmx bżonn peress li l-annimali ma humiex carriers tal-Covid-19. Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li huwa kien qed jitkellem dwar tindif ġenerali u s-Sindku nfurmat li l-ħaddiema tagħna jmorru fuq il-post 2 jew 3 fil-ġimgħa u li sa issa qatt ma rċcivejna lmenti li l-post huwa maħmuġ. Huwa qal li hemm bżonn li jinqata l-ħaxix fit-triq li jaghti għad-*Dog Park* u dwar dan kien hemm qbil. Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li ssir tarġa qabel tidħol għad-*Dog Park* sabiex jiġi evitat li jidħol l-ilma. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li l-*Community Police* jitbghatu jduru fl-inhawi tad-*Dog Park* sabiex jiġi evitat li xi persuni jitilqu l-klieb tagħhom hemm għal ħin twil għad-detriment ta' ħaddiehor.

42.07.07 Il-Kunsillier Sciberras ikkummenta dwar l-istat tal-*ground 5-a-side* partikolarment għall-fatt li qiegħed mingħajr xibka. Is-Sindku nfurmat li x-xibka għandha tkun inkluża fl-applikazzjoni li ser naghmlu sabiex isir *refurbishment* tal-*Playing Field*. Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li nitolbu lill-MFA sabiex jinbidel it-*turf* peress li dan jintuża mir-residenti mingħajr ħlas. Rigward it-tindif tal-post is-Sindlku nfurmat li wieħed mill-ħaddiema qed jiehu ħsieb it-tindif tal-post fuq bażi regolari.

**42.08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

42.08.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2022 fil-5:30 p.m.

Konfermati illum it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2022.

| Iffirmati | Iffirmati |
|---|---|
| Charmaine St. John<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Segretarju Eżekuttiv |